MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru. 390/2002

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
JOSEPH ALFRED SCHEMBRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Alfred Schembri ta’ 37 sena imwieled toronto Ontario Canada, fid-29 ta’ Gunju 1964 bin Joseph u Mary Connie xebba Camenzuli u li joqghod Flat 5A, St Mary Flats, Triq il-Gifen, Bugibba u bin-numru tal-karta tal-identita numru 92590M talli fil-21 t’April 2002 bejn is-saghtejn u it-tleita u nofs ta’ wara nofs in-nahr fit-Triq Francesco Ximenes Bahar ic-Caghaq volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBF 603 liema ammont ta’ hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin, ghad-detriment ta’ Joyce Schembri bin-numru tal-karta tal-identita numru 213663M.

Talli fl-istess hin, lok u cirksotanzi volontarjament kisser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f’dagha.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Joyce Schembri u lil Simone Camilleri ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi hebb ghal martu Joyce Schembri minghajr ma ikkagunalha feriti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-9 ta’ Lulju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputati hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325, 338dd, 339, 338bb, 342 u 339(e) tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena gie moghtija wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat hallas ghal hsarat kollha li seta kkawza, il-fatt illi c-cirkostanzi tal-kaz kienu tali illi iben l-imputat irrifjuta li jirritorna ghand ommu, harab mill-Ghassa tal-Pulizija u qasam it-triq hesrem, issakkar fil-karozza u ma ried jiftah lil hadd.

Dawn huma cirkostanzi difficilissimi ghal kwalunkwe persuna imma ferm aktar ghall-imputat u kwerelanti li kienu ilkoll ghaddejjin f'inkwiet matrimonjali.

Din il-Qorti illum il-gurnata b'intervent anki tal-avukati difensuri tifhem illi l-imputat u martu huma stradati u jgharrfu ahjar dak mistenni minnhom.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------